**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Manuel Abela**

**Illum 8 ta' Settembru 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Manuel Abela detentur tal-karta tal-identita bin-numru 245692 (M) billi huwa akkuzat:

Talli nhar is-7 ta' Settembru 2016 minn gewwa Chain Supermarket li jinsab gewwa Triq is-Sur, Fgura ikkommetta serq ta' xorb alkoholiku liema ammont ma jeccedix l-€232.94 ghad-detriment ta' Chain Supermarket;

U aktar tallli nhar is-6 ta' Settembru 2016 minn gewwa Chain Supermarket li jinsab gewwa Triq is-Sur, Fgura, ikkommetta serq ta' xorb alkoholiku liema ammont ma jeccedix l- €232.94 ghad-detriment ta' Chain Supermarket;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer ghad li kien ikkundannat fuq reat ta' serq, kont fil-pussess ta ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' sellaturi minghajr ma tajt kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu

ghandu u cioe martel tal-hgieg, tnalji, turnavit, multi tools jew ghodod ohra;

U aktar talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mightija lilu u kkonfermata fil 16/09/2016mill-Qorti tal-Magistrati Malta ( Mgt. Dr. A.G.Vella LL.D).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49, 50 u 289tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Settembru, 2016 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena u dwar il-htiega li l-Qorti tghin lill-imputat biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-imputat m'għandux fejn joqgħod u bħalissa kien qiegħed jirrisjedi f'kontejner f'qasam industrijali u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' ħames (5) xhur priġunerija.

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 284 u 287 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tiegħu kif minnu ammessi u tikkundannah ħames (5) xhur priġunerija.

Din il-Qorti tqis li kwantu għal dak li jirrigwarda s-sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija mill-Qorti fis-16 ta' Settembru 2015 minflok din għandha tiġi imqegħda fis-seħħ skont l-Artikolu 28B(1), din il-Qorti qiegħda tagħmel ordni li permezz tiegħu bis-saħħa ta' din is-sentenza il-perjodu operattiv hemmhekk specifikat għandu jkun estiż b'sentejn u jiskadi mhux aktar tard mis-16 ta' Settembru 2019.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa kemm biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga kif ukoll kwalunkwe għajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija meħtieġa.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu inkwantu għall-Ordni ta' Trattament.

**Il-Qorti fakkret lill-imputat li llum Malta qiegħda tfakkar ir-rebħiet li għamlet fl-Asssedju l-Kbir u fit-Tieni Gwerra dinjija, 'l quddiem jekk jagħraf jieħu l-opportunita' li qiegħda tingħatalu nkunu nistgħu**

**niccelebraw ir-rebha tieghu fuq il-vizzju meta jkun milqugh lura fis-socjeta' bhala cittadin denju taghha.**

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**